MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 567/2001/1

**Joseph Aquilina**

**vs**

**Avviz Numru 567/01 A**
**Gilbert Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sbatax il-lira Maltin (Lm417.00) rappresentanti prezz ta' magna mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fil-25 ta' Jannar 2000. Bl-ispejjez, nkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tas-7 ta' Novembru 2000, tat-13 ta' Frar 2001, u tal-5 ta' April 2001, u dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 2001, oltre l-imghaxijiet relattivi mill-25 ta' Jannar 2000 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Frank Cassar in rappresentanza tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u sbatax il-lira Maltin (Lm417.00), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Mejju 2001,ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**